MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 2411/2000/1

**Sebastian Muscat**

**v.**

**Francis Barbara**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru, 2000 l-attur ippremetta illi l-konvenut huwa debitur tieghu fis-somma ta' (LM3520) tlett elef hames mija u ghoxrin lira prezz ta' kwantita` ta'

"mobile phones" mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut; illi l-konvenut naqas ihallas il-prezz ghaliex emetta "cheque" ghall-ammont imbaghad ordna il-waqqfien ta' l-istess billi rrapport falsament lill-bankiera tieghu li dan ic-"cheque" intilef; illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk huma applikabbli il-provvedimenti ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

"1) taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh;

"2) tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' (LM3520) tlett elef hames mija u ghoxrin lira kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru 3862/00 u Mandat ta' Qbid ippresentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni."

B'nota pprezentata fis-26 ta' Marzu, 2001 il-konvenut eccepixxa:-

"1) Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-ammont pretiz thallas fl-intier tieghu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2004 meta, wara li ddikjarat illi temmen illi l-konvenut hallas il-prezz tal-merkanzija lilu mibjugha u ikkonsenjata, laqghet l-eccezzjoni tal-hlas u konsegwentement cahdet it-talbiet ta' l-attur u kkundannatu jhallas l-ispejjez gudizzjarji kollha u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

"L-attur u l-konvenut taw verzjonijiet differenti ta' kif sehh in-negozju.

"L-attur xehed li kien iltaqa' mal-konvenut fl-*airport* ta' Catania, u hemm il-konvenut kien ordnalu numru ta' *mobile phones*. Dan kien l-ewwel negozju li ghamel mal-konvenut, ghalkemm sieheb l-attur, certu David Coleiro, gieli kien ghamel negozji ohra mieghu qabel.

"L-attur ghamel il-konsenja flimkien ma Coleiro, u l-konvenut tah *post dated cheque* biex ihallsu l-prezz. Meta l-attur mar jipprezenta c-cheque fil-bank ghal hlas, sab illi l-konvenut kien ta struzzjonijiet lill-bank biex ma jhallasx, u c-*cheque* baqa' ma ssarrafx; ghalhekk saret il-kawza.

"Il-konvenut xehed li n-negozju ghamlu ma' Coleiro, mhux mal-konvenut, izda Coleiro talbu biex ic-*cheque* johrog favur l-attur. Ftit wara Coleiro cempillu biex jitolbu jwaqqaf il-hlas tac-*cheque* ghax kien intilef, u ghalhekk ta struzzjonijiet lill-bank biex ic-*cheque* ma jissarrafx. Imbaghad Coleiro rega' mar ghandu u l-konvenut hallsu fi flus kontanti, izda Coleiro ma tahx ircevuta.

"Coleiro ma tressaqx biex jixhed.

"Ladarba l-konvenut ressaq l-eccezzjoni ta' hlas, huwa fuqu l-oneru li jaghmel il-prova li hallas.ghalkemm qal li hallas tlitt elef hames mija u ghoxrin lira (LM3,520) fi flus kontanti, la talab u lanqas inghata ricevuta, izda ressaq biex jixhed lil huh Joseph Barbara li qal illi ra lill-konvenut jaghti xi flus lil David Coleiro ftit wara li saret il-konsenja tal-*mobile phones*, ghalkemm ma jafx kemm kien l-ammont imhallas.

"Minkejja dak li qal fix-xhieda tieghu, viz. illi n-negozju ghamlu ma' Coleiro u mhux ma' l-attur, il-konvenut ma ressaqx eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika ma' l-attur. Ghalhekk ma jistax jitqies li qieghed jikkontesta illi n-negozju ghamlu ma' l-attur, kif, wara kollox, jixhed il-fatt illi ic-*cheque* hargu favur l-attur.

"Ladarba n-negozju ghandu jitqies li sar ma' l-attur, hlas maghmul lil terzi ma kienx jehles lill-attur [recte: konvenut] sakemm ma jurix illi dak li thallas kellu s-setgha li jircievi l-hlas f'isem il-kreditur. Fil-kaz tal-lum, izda, l-attur stess

xehed illi meta sar in-negozju hu u Coleiro kienu shab, u Coleiro kien mieghu meta saret il-konsenja. Ghalhekk kienet ragjonevoli l-konkluzzjoni tal-konvenut illi seta' jhallas lil Coleiro, ghalkemm kien ikun aktar ghaqli li kieku kiseb talba bil-miktub minghand il-beneficjarju tac-*cheque* biex iwaqaf il-hlas.

"Il-kwistjoni ghalhekk hija dwar min mill-partijiet ghandu jitwemmen, jekk hux l-attur li jghid li l-konvenut ma hallasx, jew il-konvenut li jghid li hallas lil Coleiro.

"Il-qorti taraha haga stramba hafna illi negozjant bhall-konvenut hareg somma x'aktarx kbira fi flus kontanti bla ma jitlob ircevuta, aktar u aktar meta jaf illi hemm fl-idejn *cheque* mitluf pagabbli lil terza persuna. Daqstant iehor stramba izda hija l-istqarrija ta' l-attur illi ma hareg ebda fattura jew *delivery note* bhala xhieda tan-negozju. Johloq ukoll suspett l-atteggjament ta' l-attur meta l-qorti fittxet tkun taf minghandu ghala ma hareg ebda dokument meta sehh in-negozju. L-ewwel fittex li jahrab mill-mistoqsija, imbaghad qal li ma harigx fattura ghax kien mghaggel, u wara, f'seduta ohra, meta kellu l-hin li jahseb u jiehu parir, hareg bil-verzjoni illi kien ser johrog ricevuta ghal *cash sale* wara li jissarraf ic-*cheque*.

"Fil-fatt il-qorti ghandha suspett illi n-negozju bejn il-partijiet kien wiehed irregolari u "minn taht", u kien sejjer jibqa' mistur li ma nqalax l-episodju li wassal ghal din il-kawza. Temmen ukoll li l-konvenut waqqaf il-hlas tac-*cheque* fuq talba ta' Coleiro, u illi hallas lil Coleiro, izda Coleiro ma ghaddiex il-flus lill-attur, x'aktarx ghax, kif xehed l-attur stess, kemm hu kif ukoll Coleiro kienu hargu flus biex jimportaw kwantita` ta' *mobile phones* u Coleiro ghal xi raguni ried li jithallas is-sehem tieghu. Fil-fatt illum Coleiro u l-attur ma ghadhomx shab ghax kienu qatghu minn xulxin ftit wara li sehh dan l-episodju."

**L-appell ta' l-attur**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-8 ta' Novembru, 2004 talab li

din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-appellat.

L-appellat naqas li jipprezenta risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' l-attur biss deher flimkien mad-difensur tieghu fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007 u hemm saru s-sottomissjonijiet ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

**L-aggravji ta' l-attur**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju li l-appellant qieghed iressaq jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti skartat il-principju li min jallega jrid jipprova u malament waslet ghall-konkluzjonijiet taghha.

**Ikkunsidrat:**

L-attur appellant qed jippretendi l-hlas tas-somma ta' tlitt elef hames mija u ghoxrin lira (LM3520) import ta' *cheque* mahrug favur tieghu mill-konvenut rapprezentanti hlas ta' merkanzija – konsistenti f'*mobile phones* – mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut. Dan ic-*cheque* li jinsab ezebit a fol 84 tal-process flimkien ma l-affidavit ta' Francis Mallia l-Manager tal-Branch tal-Bank of Valletta ta' Zabbar, ghandu zewg notamenti fuqu, debitament iffirmati minn ufficjal ta' l-istess bank u cioe` "Stop Payment 27/10/00" u "Payment Countermanded 28/10/00".

Il-konvenut jammetti li huwa rrilaxxa dan ic-*cheque* u fl-istess hin ma jikkontestax li n-negozju sar ma' l-attur billi ma nghatat ebda eccezzjoni dwar legittimu kontradittur; biss il-konvenut isostni li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz thallas fl-intier tieghu. Infatti l-konvenut xehed li dakinhar stess li gie rilaxxjat ic-*cheque* certu David Coleiro, gia` sieheb ta' l-attur u li kien jinnegozja mal-konvenut precedentement u kien prezenti meta saret il-konsenja in kwistjoni, kien infurmah li c-*cheque* kien intilef u ghalhekk talab lill-konvenut biex jaghmel "Stop Payment", haga li l-istess konvenut ghamel fl-24 ta' Ottubru, 2000. Il-konvenut ikompli jghid li dakinhar stess, cioe` dakinhar tal-konsenja, dan Coleiro mar il-hanut tieghu u talbu li jsir il-hlas lilu ta' l-ammont

kollu "*cash*". Il-konvenut ighid li hallas l-ammont dovut lil dan Coleiro.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni fuq riportata wara li ddikjarat li temmen li l-konvenut tassew waqqaf il-hlas tac-cheque fuq talba ta' Coleiro u illi huwa hallas lil Coleiro.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rilaxx ta' *cheque* minn persuna favur persuna ohra huwa, mhux biss ordni lill-bank biex jaghmel il-pagament ta' l-ammont imsemmi, izda huwa ukoll xhieda ta' debitu ta' l-ammont hemm indikat. Ic-*cheque* ghalhekk johloq relazzjoni guridika bejn il-kreditur u d-debitur indipendentement mill-obbligu originali li ta lok ghal hrug ta' l-istess *cheque*. Isegwi li terza persuna estranea ghal din ir-relazzjoni ma tista' qatt tintervjeni, jekk mhux bil-mezzi legali bhal ma hu mandat ta' sekwestru, biex b'xi mod thassar jew tiddisturba dik ir-relazzjoni.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur huwa possessur ta' "*cheque*" validament mahrug favur tieghu mill-konvenut ghas-somma ta' tlitt elef hames mija u ghoxrin lira (LM3,520). Jirrizulta wkoll li dan ic-*cheque* ma ssarrafx billi minn hargu, u cioe' il-konvenut, ta' istruzzjonijiet lill-bank biex jitwaqqaf il-pagament u dan fuq rikjesta ta' terza persuna li ma kellha ebda konnessjoni mar-relazzjoni li nholqot bejn l-attur u l-konvenut in forza ta' dak ic-*cheque.* Din l-intromissjoni tat-terz kienet illegali u konsegwentement li "*stop payment*" ordnat mill-konvenut kienet ukoll illegali billi f'kull kaz, anke jekk kien minnu, kif jallega l-konvenut li s-"*stop payment*" sar ghax ic-*cheque* kien mitluf – fatt kontradett mill-provi – l-istess konvenut kellu javvicina lill-pussessur tac-*cheque* qabel ma jikkancella l-istess *cheque.*

Din il-Qorti, f'kawza simili, ma tarax, kif ghamlet l-ewwel Qorti, il-htiega li tezamina jekk kienx hemm xi relazzjoni bejn l-attur u David Coleiro, li kien huwa li ta l-istruzzjoni ghas-"*stop payment*", anke jekk hemm ammissjoni da parti ta' l-attur li bejnu u dan Coleiro kien hemm ftehim ta'

shubija, u dan billi din ir-relazzjoni ma tbiddel xejn mir-relazzjoni guridika li inholqot bejn l-attur u l-konvenut konsegwentement ghar-rilaxx tac-*cheque* in kwistjoni. Lanqas ma huwa rilevanti l-fatt tal-hlas li allegatament sar mill-konvenut lil Coleiro billi fl-ewwel lok dan il-pagament ma kienx awtorizzat mill-persuna li kienet intitolata ghall-imsemmi hlas in forza tac-*cheque* u fit-tieni lok ma kien hemm ebda debitu tal-konvenut fil-konfront ta' dan Coleiro. Fi kwalunkwe kaz dan il-pagament qatt ma gie pruvat billi ma gietx ezebita ricevuta u lanqas ma tharrek, mill-konvenut, dan Coleiro biex jixhed dwar l-allegat pagament.

Illi fic-cirkostanzi jirrizulta li l-aggravju ta' l-attur huwa gustifikat u konsegwentement it-talba attrici timmerita li tigi akkolta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-attur qed jigi milquh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi revokata, u l-konvenut ghalhekk qed jigi kkundannat ihallas lill-attur l-import tac-*cheque* imsemmi fis-somma ta' tlitt elef hames mija u ghoxrin lira Maltin (LM3,520) bl-imghax legali mid-data tal-hrug ta' l-istess *cheque* u cioe` is-26 ta' Ottubru, 2000, b'riserva lill-konvenut ta' kull azzjoni spettanti lilu kontra terzi persuni, *si et quatenus*. L-ispejjez kollha, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll dawk relattivi ghal dan l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------